# K U N S I L L  L O K A L I  K I R K O P

Il-Minuti tal-għoxrin (20) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru, 2009 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Rose Roberts Kunsilliera
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Skuzati:* Stephen Mizzi Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**
1.1. Is-Sindku staqsa fuq il-Minuti jekk inqrawx mil-Kunsilliera. Is-Segretarju fakkar li irridu napprovaw ukoll il-minuti tal-laqgħa numru 18. Kulħadd qara l-minuti.

Rigward il-Minuti tal-laqgħa 18 il-Kunsillier Rose Roberts xtaqet tiċċara punt numru 8.4 u qalet li ma jistax ikun li kull ħaġa li tgħid hi ikun hemm il-Kunsillier Stephen Mizzi li joġġezzjona. Is-Sindku qalilha li hi għandha kull dritt tgħid l-opinjoni tagħha.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**
2.1. Il-Minuti tal-laqgħa 18 u 19 ġew approva mis-Sindku Mario Salerno u issekondat Rose Roberts.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**
3.1. Rigward il-Minuti tal-laqgħa 18 il-Kunsillier Rose Roberts xtaqet tiċċara punt numru 8.4 u qalet li ma jistax ikun li kull ħaġa li tgħid hi ikun hemm il-Kunsillier Stephen Mizzi li joġġezzjona. Is-Sindku qalilha li hi għandha kull dritt tgħid l-opinjoni tagħha.

Rigward il-Minuti tal-laqgħa 19 ma kienx hemm punti mqajma.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**
4.1. Is-Sindku staqsa rigward il-ħaddiem ta' l-IPSL u staqsa biex niċċekkwaw jekk bgħatniex lid-Direttur Natalino Attard. Is-Segretarju qallu li ser jiċċekja jekk diġa tlabnihx u jekk tkun ghada ma saretx din it-talba ssir mil-aktar fis.

4.2. Is-Sindku qara l-allokazzjoni li ser ikollna għas-sena 2010 u informa lil sħabu li is-sena finanzjarja ser tibda tispiċċa fl-aħħar ta' Diċembru u mhux fl-aħħar ta' Marzu.

Is-Sindku rigward il-budget enfasizza u qal li ma nistgħux naqżu dak li għandna allokat. Hu kompla u ta eżempju bħal manutenzjoni ta' toroq ma nistgħux naqbżu l-ammont li għandna allokat.

Is-Sur Carbone talab sabiex naraw kemm infaqna dawn l aħħar disa' xhur. Propju fuq it-toroq.

Rose issuġġeriet naraw triq triq u nippaċċjawa bil-hot asfalt għax bix-xita qed terġa tinqala'.

Is-Sindku qal tajjeb li nieħdu action fuq ir-re instatements mal-Water Services Corporation. Is-Segretarju qallu li ser nerġgħu nibgħatulhom sabiex nagħmluhom mil-aktar fis.
Is-Sur Salerno spjega wkoll l-allokazzjoni tal-immaniġġjar ta' skart u qal li għadnan €37,000 allokati u li iridu inkopru kollox gbir ta' skart, knis, żabra ta' nhar ta' Tnejn kif ukoll il-boroz il-griżi. Is-Sindku qal li rigward il-boroz il-grizi issa waslu u tajjeb li nagħmlu karta fil-ħwienet kollha sabiex inqassmuha lil kulħadd.

Salerno spjega wkoll in-nefqa fuq l-Administration li tkopri wkoll pagi, kirjiet, stationary, etc etc.

Is-Sindku qal li s-somma tat-tipping hija baxxa wisq u tajjeb li nitolbu sabiex issir revizjoni mil-aktar fis.

Is-Sindku informa lil sħabu wkoll li il-kotba tal-finanzi tal-Kunsill issa iridu jingħalqu sa l-ahhar tas-sena.

4.3. Is-Sur Salerno qal li l-injam tal-pitch tal-boċċi ser jinxtara minn Joe Camilleri u kif jasal inwaħħluh sabiex nibdew bil-logħba tal-boċċi.

4.4. Is-Sindku talab biex inkellmu lil Jesmond Farrugia tal-Koptasin sabiex jiġi jagħmel is-sinjali biż-żeba ta' fejn il-Housing Estate il-ġdid fi Triq Valletta ma Triq San Pietru.

4.5. Is-Sur Salerno qal li in-newsletter qiegħda għall-istampar u ser tibda titqassam minn nhar il-}amis 17 ta' Diċembru.

4.6. Is-Sindku ordna li nkellmu lis-Sur Charles Attard ta' l-ELC sabiex nordnaw siġar bħal kajrantja minn għandhom għall-bankina l-ġdida.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**
5.1.1. Il-viċi Sindku beda biex qal, li bħalissa x-xogħol fil-bini tal-Kunsill il-ġdid, jinsab wieqaf, peress li l-ħaddiema jinsabu bil-leave. Huwa qal ukoll, li se jmur idur xi ħwienet, biex jara l-cable trays kemm huma, għax issa għandu bżonn dawn it-trays biex ikompli.
5.1.2. Is-sur Carbone kompla biex qal, li l-kejkijiet għal-anzjani, meta jkunu lesti, iridu jitqassmu. Huwa għamel enfasi, li jixtieq li l-ħames kunsilliera jkunu preżenti waqt it-tqassim ta' dawn il-kejkijiet. {ie maqbul li fil-party tal-Kunsill, nhar it-22 ta' Diċembru jitqassmu l-kejkijiet lil dawk li għandhom il-fuq minn 75 sena. Imbghad jinqatghu mil-lista u il-bqija jitqassmu lilhom id-dar.

5.1.3. Il-viċi Sindku reġgħa għal darb'oħra staqsa, għaliex il-bennej għadu mhux lest minn dak li fadallu jagħmel. Huwa għamilha ċara, li l-ebda ħlas mhu ser jaċċetta li jsir, qabel ma x-xogħol ikun tlesta kollu.

5.1.4. Imbagħad il-viċi sindku kompla biex staqsa, fejn wasal l-istampatur fl-istampar tal-fuljett tal-kunsill. Huwa jispera li ma jilħaqx jgħaddi l-Milied, biex jitqassam il-fuljett, għax inkella naqgħu għaċ-ċajt mar-reżidenti Koppin, jekk jitqassam tard.

5.1.5. Il-viċi sindku staqsa, kemm inkitbu tfal għal-kompetizzjoni tal-presepji, u meta ser isir l-iġġudikar tagħhom. Carbone qal li jekk is-Sur Stephen Mizzi ma jsibx ġudikatur huwa għandu l-xi ħadd ieħor f'moħħu li jista' jagħmel dan.

5.1.6. Is-sur Carbone spiċċa biex qal, li jixtieq jirringrazzja lis-sindku, lil kunsilliera kollha, l-istaff u l-ħaddiema tal-kunsill lokali ta' Ħal Kirkop, filwaqt li jixtieqilhom il-Milied u s-sena mimlija risq u hena.

5.1.7. Is-Sur Carbone għalaq biex irringrazzja u kkongratula ma l-istaff tal-Kunsill tax-xogħol tajjeb li qegħdin jagħmlu.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.2.1. Is-Sinjur Rose Roberts qalet li rigward il-bankina l-ġdida ta' Triq Valletta ma Triq San Pietru kien hemm ħafna nies li ilmentaw. Għalhekk Rose issuġġeriet li l-Kunsill joħroġ stqarrija rigward il-bankina sabiex niċċaraw l-affarijiet mar-residenti. Filkas nagħmlu traffic management differenti.

5.2.2. Rose talbet lil sħaba li minħabba li qed joqrob il-party ta' l-anzjani tajjeb li l-Kunsilliera kollha jiġu u jagħtu sehmhom u jgħidu żewġ kelmiet.

## 6. Approvazzjoni għall-ordnijiet ġodda

6.1. Is-Segretarju ippreżenta il-kwotazzjonijiet tal-bankijiet u tal-bins li nġabru għall-bankina l-ġdida ta' Triq Valletta ma' Triq San Pietru. Wara li ġew studjati ġie maqbul li jingħażlu dawk tas-Sur Anton Zarb kemm il-bankijiet kif ukoll il-bins.

## 7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

## 8. Affarijiet oħra

8.1. Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 9. Konklużjoni

9.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |